

Brussell, 14 ta' Lulju 2021  
(OR. en)

10788/21

AGRI 345

**NOTA**

---

|          |   |
|----------|---|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  |
| lil:     | Kunsill   |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika<br>- Approvazzjoni |

---

Wara l-approvazzjoni wiesgħa mill-Kumitat Speċjali tal-Agricoltura matul il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Lulju tat-test anness ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq u l-konferma ta' ebda oġġezzjoni mid-delegazzjonijiet fil-qafas ta' proċess informali bil-miktub bl-iskadenza tat-13 ta' Lulju, il-Kunsill huwa mistieden jadotta dawn il-Konklużjonijiet mingħajr ebda bidla matul il-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Lulju 2021.

Fl-okkażjoni tad-dibattitu pubbliku li għandu jsir għall-adozzjoni tagħhom, l-Istati Membri huma mistiedna jinnotaw il-prijoritajiet tagħhom għas-settur organiku, b'kont meħud tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid dwar il-produzzjoni organika mill-1 ta' Jannar 2022, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u t-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.

## **Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika**

### **Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

- (1) **IFAKKAR** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.
- (2) **JENFASIZZA** l-kontribut importanti tal-biedja u l-produzzjoni organiċi biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u s-sovranità tal-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel Ewropej.
- (3) **JINNOTA** l-potenzjal li dawn għandhom biex il-produtturi organiċi u l-ekonomiji rurali jiksibu benefiċċji ekonomiċi u benefiċċji oħrajn sinifikanti billi jiżguraw u jappoġġaw l-introjti u joħolqu impjiegi, filwaqt li jagħtu kontribut imdaqqas għall-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità, għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għat-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali.
- (4) **JILQA'** l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika, li tirrifletti r-rwol ċentrali tal-biedja u l-produzzjoni organiċi fl-istrateġija tal-Unjoni mill-Għalqa sal-Platt u dik għall-Bijodiversità, li għandha l-għan li tippromwovi mudelli aktar sostenibbli ta' produzzjoni agrikola u ta' sistemi tal-ikel, u li tappoġġa l-kisba tal-mira ta' 25 % tal-art agrikola tal-UE użata għall-biedja organika u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika. **IFAKKAR** li kull Stat Membru jenħtieġ li jagħti l-kontribut tiegħu għall-isforz kollettiv.

- (5) **JAPPOĠĠA** l-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni għandu wkoll l-għan li jħeġġeġ u jappoġġa lill-bdiewa biex jaqilbu għall-biedja organika u **JISĦAQ FUQ** il-ħtieġa li jiġi appoġġat l-istabbiliment tal-bdiewa, li jiddependi fuq in-networks eżistenti fil-biedja organika. **JIRRIKONOXXI** f'dan ir-rigward il-potenzjal ta' metodi oħra ta' biedja sostenibbli fil-kontribut għall-benefiċċji ambjentali u fil-faċilitazzjoni tal-konverżjoni għall-biedja organika. **JAQBEL MAL-FEHMA** li ċ-ċertifikazzjoni ta' grupp tista' potenzjalment tnaqqas il-kostijiet u tista' twassal għal piż amministrattiv aktar baxx għall-produtturi u l-proċessuri organiċi, filwaqt li tinżamm il-kontrollabbiltà.
- (6) **JILQA'** l-approċċ komprensiv għall-iżvilupp tal-biedja u l-produzzjoni organiċi fil-Pjan ta' Azzjoni u **JAQBEL** li d-domanda, il-produzzjoni u s-sostenibbiltà huma fatturi ewlenin għall-iżvilupp ulterjuri tas-settur.
- (7) **JISĦAQ** fl-istess ħin fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ orjentat lejn is-suq u żvilupp ibbilanċjat tad-domanda u l-provvista sabiex tiġi żgurata l-profittabbiltà futura ta' suq tal-ikel organiku u tal-bdiewa organiċi fl-UE.
- (8) **JAQBEL** li l-azzjonijiet proposti fil-pjan ta' azzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal żvilupp pożittiv ulterjuri tal-biedja u l-produzzjoni organiċi fl-UE.
- (9) **ITENNI** f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jittieħed kont tal-ispeċifitajiet u l-punti ta' tluq, iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet differenti tal-Istati Membri u r-reġjuni fl-Istati Membri, u s-suċċessi li diġà nkisbu, meta jiġu stabbiliti l-miri u l-interventi b'appoġġ għall-biedja u l-produzzjoni organiċi fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni u fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali volontarji għall-biedja organika.
- (10) **JISSOTTOLINJA** li s-suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni ser jiddependi fuq l-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż is-settur pubbliku, fil-livelli kollha ta' governanza u s-settur privat kollu tul il-katina tal-valur u **JISĦAQ FUQ** il-ħtieġa li jiġu kkoordinati l-miżuri fil-livelli kollha sabiex jinkisbu l-aħjar sinerġiji possibbli.
- (11) **JIRRIKONOXXI** fl-istess ħin li l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri kollha ser toffri sfida għall-partijiet ikkonċernati fis-settur tal-biedja organika.

- (12) **JAPPOĠĠA** l-azzjonijiet deskritti biex tiġi stimulata d-domanda u tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumaturi inkluż permezz ta' baġit ambizzjuż fi ħdan il-politika dwar il-promozzjoni tal-UE u **JILQA'** b'mod partikolari l-għan ta' sensibilizzazzjoni dwar il-biedja organika u l-logo tal-UE, inkluż permezz ta' skemi tal-prodotti organiċi għall-iskejjel.
- (13) **JEMMEN** li ż-żieda fl-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku u involviment akbar tas-settur privat jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiżdiedu d-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti organiċi.
- (14) **JAFFERMA MILL-ĠDID** l-importanza tal-fiduċja tal-konsumatur u l-azzjonijiet immirati biex jittejjbu t-traċċabbiltà u s-superviżjoni, kif ukoll is-sistema ta' kontrolli kemm fl-UE kif ukoll fpajjiżi terzi għall-prevenzjoni tal-frodi fil-produzzjoni u l-kummerċ organiċi, inkluż bl-użu ta' soluzzjonijiet tal-IT.
- (15) **JIRRIKONOXXI** li, sabiex jiġu stimulati l-produzzjoni u l-ipproċessar, huwa meħtieġ aktar żvilupp fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista.
- (16) **JAQBEL** li l-PAK ta' wara l-2020 jipprovdi għodod importanti għal aktar inċentivi adegwati għall-bdiewa u l-proċessuri biex tkun tista' ssir tranżizzjoni u/jew jiġi garantit livell għoli ta' biedja organika fl-Istati Membri rispettivi. **JIRRIKONOXXI** li l-biedja u l-produzzjoni organiċi ser ikollhom rwol importanti fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali fil-qafas tal-politika agrikola komuni.
- (17) **JIRRIKONOXXI** li l-Kummissjoni tteġġegħ lill-Istati Membri biex ifasslu pjanijiet ta' azzjoni jew pjanijiet direzzjonali nazzjonali għall-iżvilupp tal-biedja u l-produzzjoni organiċi. **ITENNI** li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali huma volontarji.
- (18) **JILQA'** b'mod partikolari l-azzjonijiet relatati mal-organizzazzjoni tal-ktajjen alimentari, anke fil-kuntest tat-trawwim ta' kummerċjalizzazzjoni diretta u ktajjen tal-provvista qosra f'konformità mal-funzjonament tas-suq uniku.

- (19) **JENFASIZZA** r-rilevanza tal-iżvilupp lokali u l-ekoreġjuni abbażi tal-esternalitajiet pożittivi multipli tas-settur organiku f'termini ta' impjiegi u inklużjoni soċjali. **JAFFERMA MILL-ĠDID** l-importanza tad-disponibbiltà ta' razez u varjetajiet indiġeni, materjal eteroġenju organiku, varjetajiet ta' pjanti b'rendiment għoli adatti għall-produzzjoni organika u żerriegħa organika.
- (20) **JIRRIKONOXXI** l-importanza li jitħaffef l-iżvilupp tal-akkwakultura organika fl-UE.
- (21) **ITENNI** l-ħtieġa li jissaħħaħ l-approċċ sistemiku tar-riċerka fil-biedja organika biex jintlaħqu l-aspettattivi tas-soċjetà, billi tizzied il-kunsiderazzjoni tat-trattament xieraq tal-animali u jithegġegħ użu aktar effiċjenti tar-riżorsi. **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li talloka finanzjament fil-qafas ta' Orizzont Ewropa għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni għal riżorsi ġenetiċi u l-iżvilupp ta' alternattivi sikuri, effettivi u affordabbli għall-prodotti attwali għall-protezzjoni tal-pjanti. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibbiltà ta' appoġġ għall-politiki fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni lil dawk il-pajjiżi fejn is-settur għadu lura.
- (22) **IQIS** li d-disponibbiltà ta' għalf tal-proteini u vitamini organiċi huma l-bażi għall-promozzjoni ta' konverżjoni ulterjuri ta' farms tal-bhejjem u l-iżvilupp tagħhom u **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-inizjattivi msemmija fil-Pjan ta' Azzjoni fil-qasam tan-nutrizzjoni organika, inkluż l-inizjattivi li jikkonċernaw l-addittivi tal-għalf u riċerka dwar l-użu ta' insetti u bijomassa tal-baħar bħala materjali tal-għalf.
- (23) **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadatta l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal prodotti bijoloġiċi għall-protezzjoni tal-pjanti bbażati fuq mikroorganiżmi u għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx (jiġifieri dawk ibbażati fuq estratti tal-pjanti u feromoni). **JISĦAQ FUQ** il-ħtieġa li, fejn xieraq, jitrawwem l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u metodi ta' protezzjoni tal-pjanti alternattivi, bħal dawk li fihom sustanzi attivi bijoloġiċi u li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli f'dan il-kuntest.
- (24) **JILQA'** n-negożjati li ġejjin mas-sħab kummerċjali tal-UE dwar ftehimiet ta' ekwivalenza reċiproka għall-produzzjoni organika u jistenna b'interess li jirċievi informazzjoni regolari dwar l-iżvilupp tagħhom.

- (25) **JISĦAQ FUQ** il-fatt li żieda fit-trasparenza tas-suq hija importanti għall-iżvilupp ulterjuri b'attenzjoni xierqa għall-ħtieġa li jiġu limitati l-kostijiet u l-piż amministrattiv u għall-prinċipju ta' simplifikazzjoni għall-partijiet ikkonċernati u l-amministrazzjonijiet pubbliċi.
- (26) **JITLOB** lill-Kummissjoni biex tirrapporta regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-biedja u l-produzzjoni organiċi fl-UE.
- (27) **JILQA'** l-inizjattivi relatati u jistenna b'interess il-jum organiku annwali tal-UE għall-promozzjoni tal-biedja u l-produzzjoni organika madwar l-UE.
-